MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Numru 66/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Spiteri)**

**Vs**

Jason Grech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Jason Grech ta’ karta ta’ identita’ numru 479872(M), akkuzat:

Talli fix-xhur ta’ qabel it-3 ta’ Settembru, 2004 iffalsifika att awtentiku jew pubbliku, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti, skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawzoli,

dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JAS-880 ta’ ghamla Citroen Saxo minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji, u b’hekk ma kienitx assigurata kontra t-terzi persuni ma’ kumpanija ta’ l-assigurazzjoni u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 15(1) (a) tal-Kap 65 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Barra minn hekk ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata u perikoluza u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 15(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputat f’din l-ewwel udjenza jirregistra ammissjoni li fiha insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jipprospettaw r-reat ta’ falsifikazzjoni u reati konnessi ma’ l-Ordinanza tat-Traffiku, Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat qeghdha konsegwentement tiddecidi l-kawza billi tiddikjara u ssib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Ghal finijiet ta’ piena rat l-Artikolu 183 u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 3 tal-Kap 104 u l-Artikolu 15 tal-Kap 65. Tikkundannah ghal perjodu ta’ prigunerija ta’ tlett xhur li qeghda tissospendihom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 ghal perjodu ta’ sena mill-lum. Tapplika l-Artikolu 21 tal-Kap 9 ghal dak li hija l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan tal-imputat li hi konsegwenza intrinsika l-piena taht il-Kapi 65 u 104 billi tirriavisa ragunijiet specjali konsistenti filli l-akkuzi originaw minn incident awtomobilistiku li ghalih l-imputat assuma r-responsabilita’ kollha tant li hallas id-danni u qeghdha ghaldaqstant

flimkien mal-piena fuq imposta tissospendi l-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghall-perjodu ridott ta’ tmien t’ijiem dekorribbli mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------